# Dun Frans Camilleri



Dun Frans Camilleri twieled fid-29 ta' Jannar 1919, il-Marsa. Il-ġenituri tiegħu kienu Ġanni Camilleri magħruf bħala "Ta' l-Isqof" minħabba li kien jaħdem il-Kurja u Ġużeppina, Barbara fi xbubitha.

Tfulitu tat l-ewwel ħjiel dwar x'kienet se tkun ħajtu għaliex minn kmieni tħabbeb ma' l-ambjent u x-xogħol tal-knisja, u fil-fatt qatta' ħafna snin ta' ċkunitu abbati fil-Knisja ta' San Gejtanu.

Studja fl-iskola Primarja tal-Gvern, fis-*St. Paul School* u fis-Seminarju fejn saħħaħ il-vokazzjoni tiegħu.Wara erba' snin ta' studju fl-Università ta' Malta, fl-aħħar tal-kors tat-teoloġija ġie ordnat saċerdot fl-1943.

Dun Frans il-poeta, il-fotografu, l-artist u l-ħabib ta' kulħadd. Poeta li kiteb eluf ta' versi u innijiet għal għadd ta' knejjes u għaqdiet, fosthom l-Innu tal-Madonna tal-Karmnu, versi mimlija sentiment, fidi, għonja fil-kelma, fl-espressjoni, fil-messaġġ u fit-tifsira.

Fotografu li matul is-snin, b'paċenzja kbira u b'ħila professjonali ħallielna b'wirt għal dejjem dehriet li jpaxxu ta' Malta oħra, dik li għajnejna rari jaraw fil-ħajja mgħaġġla tagħna.

L-artist li minn ħwejjeġ bħal bebbux ta' kull daqs u tip ħoloq forom u xogħlijiet li jpaxxu u li jqanqlu l-apprezzament tagħna lejn ħwejjeġ li rari nintebħu bis-sbuħija naturali tagħhom.

Il-ħabib ta' kulħadd, l-aktar tal-maħqura, batuti, ħaddiema . . . b'xogħol kbir fil-qasam ta' l-emigranti, tal-ħabsin u ta' min hu waħdu. B'ħidma kbira wkoll fl-għaqdiet bħala Direttur Spiritwali, fosthom l-Azzjoni Kattolika (Rġiel) u Leġjun ta' Marija fil-Ħamrun, Ħamrun Spartans, *Hobbies Society*, Kummissjoni Emigranti, *Malta Playing Fields Association, Chorus Melitensis* u l-Għaqda Mużikali San Gejtanu mill-1945 sal-1990.

farrugia
enterprises
103, Naxxar Road,
B'Kara
Tel: 486339
the home of beautiful lighting

Whatever your style of decor,
you will find a light of your
choice at a price you
can afford